# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 37*

***21 ta' Frar 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *37.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

37.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## *37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

37.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

37.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla l-laqgħa billi f'isem il-Kunsill kollu rringrazzja lill-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer tax-xogħol li ħa fl-organizzazzjoni tal-Karnival tal-Marsa 2018, u minkejja t-temp f'dawn il-ġranet il-Kunsill irnexxielu jorganizza attivita' li ġiet imfaħħra min dawk li kienu preżenti.

37.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li fil-Ġnien ta' taħt il-Kunsill, il-Marigold Foundation hija kommessa li tagħti kisja bi-tarmak lit-triq. Minbarra hekk ser ikun hemm ukoll carpark li ser tkun qed issir fuq il-gibjun. B'hekk iż-żona kollha ser tkun riġenerata kif dejjem xtaq il-Kunsill.

## *37.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

37.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jixtieq jikkundanna l-mod ta' kif inqalaw is-siġar fi Triq Aldo Moro. Filwaqt li huwa favur dan l-iżvillup għall-lokalita' tal-Marsa jemmen li l-awtoritajiet għandhom ikunu iktar prudenti sabiex ma jsirx qtugħ ta' siġar b'dan il-mod abbużżiv. Huwa jixtieq ukoll li l-Kunsill jitlob biex wara dan il-qtugħ ta' siġar jinżeraw għadd ta' siġar indiġeni sabiex jagħmlu tajjeb għal dak li ntilef.

## *37.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *37.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

37.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Pagaent Group Marija Reġina qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam bil-kulur għal prezz ta' €250. Apparti hekk qed jistaqsu wkoll jekk il-Kunsill hux interssat li jinkludi l-logo tal-Kunsill fuq il-billboard għal prezz ta' €100. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Pagaent Group informa lill-Kunsill li l-ftuħ uffiċjali tal-Wirja ser issir nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu fis-7.15pm. Il-Pageant ser issir nhar il-Ħadd il-Palm fil-25 ta' Marzu fil-5.30pm ta' filgħaxija.

37.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Paroċċa qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-fuljett tal-Festa għal prezz ta' €200. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja ta' konsultazzjoni pubblika dwar IPPC application li ġie sottomess mill-kumpanija Amino Chemicals lill-ERA biex dan il-permess jiġi mġedded.

## *37.7 Tiġdid u ħruġ ta' Tender Bulky Refuse*

37.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li sall-aħħar ta' din is-sena ser ikun ser jinħareġ tender għall-ġbir tal-Bulky refuse. Sadanittant, is-Sindku qed jitlob lill-Kunsill sabiex dan il-kuntratt jiġi estiż sall-aħħar tas-sena. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur sabiex ma jibqgħax jitgeddes l-iskart f'tarf ta' ċerti toroq minħabba li dawn l-imziezel jattiraw iktar skart u jibdew isiru kalamita għall-aktar abbuzzi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li il-kuntrattur diġa' huwa infurmat b'dan.

## *37.8 Tiġdid ta' Tender Reservoir fi Triq Isouard/Triq Qormi*

37.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li x-xogħol fuq il-proġett ta' Triq Isouard ma Qormi Road għad irid jibda peres min naħa tal-ERA kellhom isiru xi studju dwar il-possibilita' li jkun hemm xi fdalijiet arkeoloġiċi f'dik l-akwata. Sadanittant is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex it-tender jiġi estiż sakemm il-Kunsill ikollu l-aċċertazzjoni min naħa tal-ERA li m'hemmx fdalijiet bħal dawn. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.9 Trasferiment ta' kont bankarju*

37.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li jiġu trasferiti €20,000 mill-kont tal-Kunsill fejn jidħlu l-flus tal-LESA għall-kont kurrenti tal-Kunsill. Dawn il-flus ser jintużaw parti minnhom sabiex il-Kunsill ikompli jbiddel id-dawl fit-toroq għall-LEDs u parti minnhom imorru għall-proġetti ta' landscaping. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.10 Landscaping ta' Ġnien 6 t'Awissu*

37.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Ġnien 6 t'Awissu għandhu bżonn jiġi rranġat iżda qabel ma jsir dan il-Kunsill jixtieq jilqa' idejat biex dan il-landscaping isir b'mod professjonali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li l-Kunsill jista' jkellem lill-istudenti tal-MCAST biex joħorġu b'idejat dwar x'tip ta' landscaping jista' jsir. Il-Kunsilliera kienu favur din proposta u s-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot favur kien unanimu.

## *37.11 Tħawwil ta' siġar mill-Għaqdiet tal-Lokal*

37.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jixtieq jinvolvi l-Għaqdiet fir-riġenerazzjoni ambjentali tal-lokalita'. Dan jistgħa jsir billi l-Kunsill jistieden l-għaqdiet fil-lokalita' f'data partikolari sabiex jitħawwlu siġar indiġeni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

## *37.12 Bidu ta' diskussjoni fuq Liġi Lokali dwar Tlajjar*

37.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm il-bżonn li tibda issir diskussjoni dwar it-tlajjar fix-xhur li ġejjin. Dan hekk kif il-Pulizija attwalment ma jistgħux jħarrku individwi jekk dawn ma jinqabdux fi prostituzzjoni. Madanakollu, jekk il-Kunsill jadotta liġi dwar it-tlajjar inkunu nistgħu inwessaw l-operat tal-Pulizija f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.13 Ingaġġar ta' Impjegat part-time*

37.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jibdew il-proċeduri sabiex jinstab persuna fi jaħdem fl-uffiċini tal-Kunsill part-time bħala scrivan. Dan hekk kif qed jidher biċ-ċar li x-xogħol amministrattiv tal-Kunsill żdied sostanzjalment matul dawn l-aħħar xhur. Attwalment hemm is-Segretarju Eżekuttiv u żewġ impjegati klerikali, waħda minnhom b'reduced hours. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.13.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal ukoll li fix-xhur li ġejjin impjegata ser tkun qed tieħu ammont sostanzjali ta' ġimgħat leave minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit qal li f'każijiet bħal dawn ta' saħħa l-Kunsill għandhu jieħu ruling biex ikun hemm estenzjoni automatika tal-leave. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.13.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ikun tajjeb jekk il-Kunsill ikollu persuni ingaġġati mill-ETC biex jagħmlu xogħol ta' maintenance bħalma ġieli jsir f'Kunsilli oħra. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jara x'inhuma il-possibilitaijiet f'dan ir-rigward.

## *37.14 Xiri ta' P.A. System*

37.14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ċċirkola karta bid-dettalji ta' P.A. system li l-Kunsill jistgħa jixtri għall-prezz ta' €885. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk jistgħax dan il-P.A. system ikun iktar attrezzat peres dan li ġie ppreżentat huwa l-iktar wieħed bażiku, u għalhekk ikun aħjar jekk isir upgrading ta' dan il-mudell ippreżentat. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ħareg mis-seduta fis-6.50pm

## *37.15 Applikazzjoni ta' High Rises fil-lokalita'*

37.14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono rrimarka li fil-futur jistgħu jinbnew numru ta' high rises fil-lokalita' tal-Marsa bħalma qed isir f'żoni oħra. Fl-opinjoni tas-Sindku jekk wieħed jemmen fir-riġenerazzjoni tal-Marsa speċjalment fl-outskirts tal-lokalita' ma tistgħax tkun kontra li jsiru ċertu high rises. Madanakollu, huwa importanti li dan it-tip ta' żvilupp ma jkunx qed jaffetwa r-residenti. S'issa l-indikazzjonijiet li għandhu l-Kunsill huwa li tistgħa tinbena high rise fiż-żona ta' fejn kien hemm il-fabbrika tas-suffarini.

37.14.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li huwa jemmen fl-iżvilupp tal-lokalita' tal-Marsa jemmen li jrid ikun hemm studju serju' dwar l-impatt li jħalli l-iżvilupp tal-high rises, fost affarijiet oħra minħabba l-problema akuta tal-parking. B'hekk high rises għandhom ikollhom parkeġġi adegwati. Huwa semma ukoll l-estetika tal-lokalita li din għandha titħares sabiex ma jsirux l-iżbalji li saru fl-lokalitajiet oħra f'Malta. Madanakollu, l-Viċi Sindku sostna

li jekk ma jkollux pjanti quddiemu ta’ x’tip ta’ żvilupp huwa mistenni li jsir ma jistgħax jikkummenta kif jixtieq.

37.14.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li r-riġenerazzjoni fil-lokalita’ tal-Marsa hija importanti ħafna u l-Kunsill ma jistgħax iwaqqaf proġetti bħal dawn, hekk kif proġett wara l-ieħor, fosthom proġetti barranin bħal dak tal-Maritime Hub ser ikunu qed jagħmlu differenza pożittiva fil-lokalita’. Madanakollu, huwa qabel ma Kunsilliera oħra li biex il-Kunsill jiddeċiedi hemm bżonn li jkollu aktar dettalji ta’ x’tip ta’ permessi jistgħu jingħataw fil-lokalita’ mill-Planning Authority. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 37.16 Vaska tal-Ġnien 6 t’Awissu

37.16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li preżentament il-Kunsill qed jistenna l-permessi mill-Planning Authority dwar il-proġett tal-vaska 6 t’Awissu. Id-diskussjoni daret fuq dak li deher xi xahar ilu fuq il-kundizzjonijiet tal-papri fil-vaska, hekk kif b’mod malizzjuż kien hemm xniegħat fil-midja soiċjali dwar il-mewt ta’ papri minħabba l-ħmieġ li hemm fil-vaska. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk ikun hemm papra oħra mejta l-Kunsill għandhu jitlob li ssir awtopsja fuq dik il-papra sabiex ħadd fil-midja soċjali ma jaqla ġideb fuq il-kundizzjonijiet tal-papri fil-lokalita’. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favor kien unanimu.

## 37.17 Qlugħ ta’ żewġ siġriet waħda f’Belt il-Ħażna u oħra fi Triq Ċentru Ewkaristiku

37.17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ċċirkola ritratti ta’ żewġ siġriet li hemm bżonn jinqalaw minħabba xi ħsarat li qegħdin jagħmlu fil-propjeta’. Il-Kunsill diġa huwa infurmat li waħda mis-siġriet tista’ tinqala bla permessi min naħa tal-ERA għaliex m’hix siġra protetta, fadal biss il-kunsens tal-ERA fuq siġra oħra. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-proposta, filwaqt li l-vot favor kien unanimu.

## 37.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 7.30pm u ġiet aġġornata għall-14 ta’ Marzu 2018 fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

37.18.2 Wara li ntemmet il-laqgħa kien hemm diskussjoni qasira dwar it-tappira ta’ quddiem il-Yellowpages, hekk kif il-Kunsill ilu ħafna xhur jikkommunika ma Transport Malta sabiex din iż-żona ma tibqgħax tegħreq u b’hekk ma jkunx hemm il-bżonn li t-tappieri jinfetħu. B’hekk

kien hemm qbil li għandha tintbgħat ittra legali tas-sitwazzjoni fi Triq il-Pitkali lil Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favor kien unanimu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 14 ta' Marzu 2018